**Reġjun Għawdex**

Laqgħa Nru. RGĦ 24/12

**Minuti tal-24 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 2 t' Ottubru 2012.**

Il-Kumitat Reġjonali fit-3:00pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria. Preżenti; Dott. Samuel Azzopardi (President); Joseph Sultana (Viċi president) il-membri David Apap, Salvu Borg, Joe Sultana, Charles Said, Anthony Formosa, Nicky Saliba, Monica Vella u Ian Paul Bajada (Segretarju Eżekuttiv).

Intqalet t-talba u peress illi il-minuti tat-22 u 23 laqgħa kienu ntbgħatu minn qabel, ma nqrawx u ġew approvati unanimament. Is-Segretarju qajjem xi punti mill-minuti dwar żvilupp illi seħħ sadanitant u qal illi rigward minuti numru 2 u 3, il-Kumitat Reġjonali iffirma l-kuntratt mal-*Guard and Warden Services House Ltd.* u *Toad Management Services Ltd.* rispettivament. Il-kuntratti daħħlu fis-seħħ nhar l-1 ta' Settembru 2012.

1. **<u>Korrispondenza</u>**

- Mingħand Maurice Caruana (Chairman LES Management Committee) dwar l-impjegati tat-tribunali lokali u tal-kumitat reġjonali. Il-membri stqarru illi deċiżjoni fuq din il-materja ittieħdet f'laqgħa preċedenti.

- Mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar korrispondenza mill-General Workers Union dwar il-kundizzjonijiet tal-wardens matul is-sajf. Il-Kumitat Reġjonali stqarr illi din il-materja għandha tiġi riżolta bejn il-union u l-aġenzija li tħaddem il-gwardjani lokali peress illi l-ftehim kollettiv huwa bejniethom.

- Mingġand David Sutton (Transport Malta) dwar ir-rikjesta mill-Kumitat Reġjonali fuq talba għall-speed cameras. Is-sur Sutton informa illi ser jibda l-proċess t'assessment.

- Bejn is-segretarju u s-Sur Kenneth De Martino dwar ir-rata tat-Traffic Management Service (TMS). Is-segretarju nforma illi hu saħaq sakemm il-liġi tibqa kif inhi, ir-rata tat-TMS għandha tibqa l-istess. Kulħadd qabel ma din il-proposta.

- Mingħand Sylvia Gauci (MCESD) sabiex isiru suġġerimenti għal-laqgħa li ser issir ma uffiċjali ta' transport Malta. Il-Kumitat iddeċieda illi jressaq dawn il-proposti;

    - Estensjoni tas-servizz tat-trasport pubbliku bil-lejl, fix-xhur tas-sajf ġewwa l-bajjiet ta' Marsalforn u Xlendi.

    - Is-sinjali u t-tabelli għandhom jinżammu dejjem fi stat tajjeb.

    - Toroq arterjali jittranġaw u jinżammu fi stat tajjeb.

2. **Ġbir ta' Ċitazzjonijiet mhux imħallsa**

Is-segretarju preżenta rapport lill-Kumitat Reġjonali dwar ċitazzjonijiet mgħotija ġewwa Għawdex, deċiżi kontra mit-tribunal u għadhom mhux imħallsa. L-istatistika tar-rapport tkopri minn Jannar 2012 sa Lulju 2012. Ir-rapport juri illi l-ammont ta' ċitazzjonijiet mhux imħallsa f'dawn ix-xhur, wara deċiżjoni tat-tribunal huwa ta' 681 ċitazzjoni illi jammontaw għal valur ta' € 37,768.73. Il-Kumitat idduskuta dan ir-rapport u stqarr illi l-fatt li fl-aħħar xhur l-ammont ta' ċitazzjonijiet mhux imħallsa żdied jista' jfisser illi dawn għadhom ma tħallsux mill-individwu peress illi għadu m'għadhiex daqstant żmien. Il-kumitat ħareġ b'dawn il-konklużjonijiet. Barra minhekk is-segretarju preżenta rapport tad-deċiżjoni meħuda mill-bord tal-petizzjonijiet. Huwa nforma illi din l-informazzjoni bdiet tgħaddi lilu minn Mejju ta' din is-sena. Huwa stqarr illi minn 260 petizzjoni preżentati 163 (jiġifieri 63% ġew aċċettati), disgħa (jiġifieri 3.8%) eċċettati parzjalment, 87 ġew rifjutati (jiġifieri 33.5%)

- Il-kumitat iddeċieda illi għadu prematur sabiex tiddieħed azzjoni kontra min għadu ma ħallasx dawn iċ-ċitazzjonijiet peress illi għada m'għadietx sena sħiħa u għalhekk id-deterrent tat-tiġdid tal-liċenzja tal-vettura jista' jkun li s'issa ma japplikax

- Il-kumitat ikkritika is-sistema preżenti ta' appell miċ-ċitazzjonijiet. Huwa stqarr illi preżentament huwa possibli illi l-Bord tal-Petizzjonijiet iwaqqa d-deċiżjoni illi jkun ħa Tribunal Lokali. Il-kumitat issuġerixxa illi is-sentenza tat-tribunal lokali għandha tkun finali u jekk ikun hemm każ fejn issir petizzjoni, din għandha tiġi dejjem deċiża qabel is-seduta tat-tribunal u mhux wara.

3. **Rapport dwar *Annual General Meeting – ERY Network (technical meeting AGM f'Novembru li ġej ġewwa Bologna)***

Is-segretarju stqarr illi huwa xtaq jagħti preżentazzjoni dettaljata tal-programm tal-Laqgħa Annwali tal-ERY Network, fil-laqgħa tar-Reġjun skedata għas-6 ta' Settembru imma dan ma setax isir peress illi ma kienx hawn quorum. Huwa qal illi din il-laqgħa saret bejn it-18 u 21 ta' Settembru. Il-laqgħat saru ġewwa l-Kulleġġ t' Għawdex skola sekondarja tas-subien u d-delegazzjonijiet kienu alloġjati ġewwa d-Down Town Hotel u dan seħħ sabiex tinħoloq l-anqas konvenjenza possibli peress illi jinsabu fl-istess triq. Il-President faħħar is-disponibiltà u l-faċilitajiet illi ġew provduti mill-istess kulleġġ għad-diposizzjoni tal-reġjun.

Id-delegazzjonijiet illi ħadu sehem huma mil-Emilia Romagna, Wielkopolska, Hessen, Aquitaine u Vastra Gotaland. It-tema prinċipali tal-laqgħa Annwali kienet 'Enhancing youth voluntary work to promote active ageing and solidarity between generations'. Ir-Rapport ta' din il-Laqgħa Ġenerali Annwali huwa anness ma dawn il-minuti.

Is-segretarju stqarr ukoll il-waqt din il-laqgħa ġie preżentat programm tat-Technical Meeting bejn id-19 u 22 ta' Novembru ġewwa Bologna. Il-President u s-Segretarju għandhom jipparteċipaw f'din il-laqgħa.

4. **Kommemorazzjoni Jum Għawdex**

Il-Programm sabiex kommemorat Jum Għawdex ġie diskuss u ġie deċiż illi;

- Il-Banda Santa Margerita ta' Sannat tipparteċipa f'marċ nhar it-28 t'Ottubru wara illi telgħet bil-polza fost il-baned Għawdxin;

- Il-quddiesa tiġi ċelebrata ġewwa l-Katidral t' Għawdex nhar it-28 t'Ottubru. Jieħu sehem il-Chorus Ecclesiae Cathedralis u jiġu mistiedna l-arċiprieti/kapillani tal-parroċċi Għawdxin kif ukoll il-Kapitlu tal-Katidral.

- Jiġu mistiedna l-iscout groups tal-Belt Victoria u Xagħra.

- Isir diskors mill-President tar-Reġjun waqt li tittpoġġa kuruna tal-ward mal-monument tal-Arċipriet Saver Cassar.

- Jitqassam *leaflet* ġewwa kull residenza f'Għawdex bil-programm t'attivitajiet.

Bħala parti mill-kommemorazzjoni ta' Jum Għawdex ġie suġġerit ukoll illi ssir il-laqgħa Ġenerali Annwali nhar is-Sibt 27 t'Ottubru mid-9:00 am sa nofsinhar. Parti mill-konferenza kellha tieħu forma ta' seminar informattiv sabiex tiġi diskussa t-tema tal-iżvilupp Reġjonali għal Għawdex. Il-kelliema mistiedna għal dan is-seminar, is-Sur Michael Grech (President tal-Gozo Business Chamber), Joe Muscat (CEO Gozo Tourism Association) u Dr Gordon Cordina – ekonomista. Is-segretarju ntalab iġib tlett kwotazzjonijiet fejn ser issir din il-konferenza u ssir skont fejn tingħata l-irħass offerta. Wara l-Laqgħa Ġenerali Annwali ikun hemm ikla illi għalija iħallsu l-kunsilli lokali skont il-kunsilliera u membri illi jattendu.

5. **Approvazzjoni ta' Pagamenti**

   Il-pagamenti ta'skeda numru 15 illi jammonta għall- € 57,585.47 ġiet approvata.

6. **Materji Oħra**

   Peress illi ma kien hemm materji oħra x'jiġu diskussi, l-laqgħa ntemmet fl-4:30pm.

_______________ _______________

Dr Samuel Azzopardi
President

Ian Paul Bajada
Segretarju Eżekuttiv